# Kaċċa u nsib illegali rampanti minkejja s-sitwazzjoni delikata fil-pajjiż

## BirdLife Malta qed tifhem li l-istaġun tal-kaċċa din ir-rebbiegħa mhux se jinfetaħ, diżappuntata li xorta hawn min qed jabbuża

Konxja mis-sitwazzjoni li jinsab fiha l-pajjiż minħabba l-kriżi tal-COVID-19, kontra x-xewqa tagħha BirdLife Malta tixtieq tesprimi r-rabja tagħha dwar il-kaċċa u nsib illegali li xorta għaddejjin b'mod rampanti fil-kampanja f'dan il-perjodu. Fix-xogħol li għadha għaddejja bih BirdLife Malta ta' kuljum qed tiltaqa' ma' numru ta' illegalitajiet kemm ta' kaċċa u wkoll ta' nsib. Kull evidenza qed tiġi mgħoddija lill-pulizija kemm tat-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE), kif ukoll tad-distrett, u filwaqt li hemm każijiet fejn se jittieħdu passi mill-pulizija, hemm ħafna aktar każi fejn dan mhuwiex possibbli.

Filwaqt li BirdLife Malta qed tifhem li fiċ-ċirkostanzi l-istaġun tal-kaċċa din ir-rebbiegħa mhux se jkun qed jinfetaħ, hija ħasra li numru ta' għasafar li qed ipassu lejn l-Ewropa sabiex ibejtu qegħdin jinqatlu jew jinqabdu f'pajjiżna. BirdLife Malta se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni fil-kampanja f'Malta u Għawdex u tappella għal aktar responsabbiltà f'dan iż-żmien delikat meta r-riżorsi tal-pajjiż huma ffukati biex jindirizzaw il-pandemija tal-Coronavirus u ftit li xejn jista' jsir infurzar tar-reati kriminali marbutin mal-ambjent.

BirdLife Malta tieħu l-okkażjoni biex trodd ħajr u tawgura lil dawk kollha li qed jaħdmu biex jindirizzaw is-sitwazzjoni li ninsabu fiha u jaraw li ma teskalax fosthom il-Gvern, l-awtoritajiet tas-saħħa, u l-membri tal-armata u l-pulizija, b'mod partikolari t-taqsima tal-ALE. Nittamaw li din il-kriżi f'pajjiżna tgħaddi kemm jista' jkun malajr.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org